**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin Farrugia**
**Spettur Sandro Zarb**
**V**

**CHERNOUT OMAR ABALUL HAKIM**

**Illum, 15 ta' Marzu, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CHERNOUT OMAR ABALUL HAKIM** ta' Tletin sena bin Muhammed u Zohra Bougamora imwieled l-Algerija nhar t-tnax ta' Dicembru, 1971 ta' indirizz mhux maghruf, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-lejl ta' bejn l-wiehed u tletin ta' Dicembru 2001 u l-ewwel ta' Jannar, 2002 minn gol-fond numru 107, Triq Marsa, Marsa, kkommetta serq ta' television/video recorder tal-marka Aiwa serial number 653-5725681 B ghad-dannu ta' Mark Fenech liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-hin.

Talli fl-istess hin, post u cirkostanzi, voluntarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli meta ghamel hsara fir-residenza numru 107, Triq Marsa, Marsa, liema hsara ma teccedix l-hamsin lira maltin.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli taghti l-piena stabbilita skond l-ligi tiddikjara lil istess **CHERNOUT OMAR ABALUL HAKIM** bhala immigrant ipprojbit u tohrog ordni ta' tnehhija kontra tieghu.

Rat d-dokumenti kollha esibiti f'dan il-process fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tnejn ta' Jannar, 2002 esibit fl-atti a fol 15 markat bhala dokument CSH 2.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif addebitati lilu kif jirizulta registrat fl-atti fis-seduta tal-hdax ta' Marzu, 2002 u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Dwar il-piena:

Il-Qorti ezaminat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 7 tal-atti odjerni minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu fedina penali netta u ghalhekk il-Qorti ser tqis lil imputat bhala *a first time offender*.

Rat li r-res furtiva, konsistenti f'television u video tal-marka Aiwa 14 inch mudell VX-T1420 KER serial number 653-5725681 B gie stmat mill-espert tal-Qorti u kellu valur komplessiv ta' mija u sittin lira maltin u llum il-gurnata gie rtirat mid-derubat u diga jinsab fil-pussess tieghu.

Rat li l-hsara kagjonati fil-fond jammontaw ghal tmienja w ghoxrin lira maltin kif jirrizulta mid-dokument CSH 4 esibita a fol 19B konsistenti f'xi hsarat f'tieqa tal-aluminium.

Rat li l-imputat m'ghandux stat ta' refugjat kif del resto xehed Alfred Mamo li hu rappresentant tal-Kummissjoni tal-Immigranti u Refugjati nhar t-tletin ta' Jannar, 2002 u dan peress li t-talba tieghu kienet giet michuda (vide dokument AM 2 a fol 54 tal-atti odjerni).

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-arltikoli 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269, 270, 278, 279, 280, 325(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 5(2) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti thoss li l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija sospiza u ghaldaqstant tiddikjara li qed tikkundanna lil imputat CHERNOUT OMAR ABALUL HAKIM ghal piena karcerarja ta' tmintax il-xahar sospizi ghal tlett snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan tiddikjara lil imsemmi CHERNOUT OMAR ABALUL HAKIM bhala immigrant ipprojbit u tordna li tinhareg ordni ta' tkeccija kontra tieghu.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car l-import ta' din s-sentenza u x'jigri jekk jonqos li josservha.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**